VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

16 ta' Settembru 2025

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 33-36, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

PREŻENTI:

Olaf McKay – Sindku
Ylenia Montfort – Minority Leader
Alfred Zammit – Vici Sindku
Raymond Azzopardi – Kunsillier
Roberta Bonello -Kunsilliera
Vincent Fabri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI:
Daniel Diacono – Kunsillier

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Olaf McKay ippresjeda l-laqgħa.

## 18.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

18.0.1 Daniel Diacono

## 18.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

18.1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 17 kienu ikkonfermati

## 18.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

18.2.1 Is-Sindku Olaf Mckay informa li nhar l-Erbgha 17 ta' Settembru ser tkun qed issir laqgha mal-DPM Dr Ian Borg. Waqt din il-laqgha ser jigu diskussi sfidi li qed insibu.

18.2.2 Is-Sindku Olaf Mckay informa li wara l-laqgha tax-xahar l-iehor il-VFC bghatu updated agreement lilu, li wara l-laqgha ser jghaddih lis-Segretarju Ezekuttiv biex il-kunsilliera jkunu jistghu imorru jarawh fl-ufficcju taghha biex ikunu jistghu jghaddu l-kummenti taghhom fuqu. Waqt il-laqgha is-Sindku qara dokument li provdew il-VFC, bil-punti ewlenin li ser ikun fih dan il-kuntratt. Waqt il-laqgha l-Kunsilliera kollha kellhom ic-cans jghaddu l-kkummenti taghhom. Il-Kunsill kollu qabel mal-principju u anke mal-proposta pero kien maqbul ukoll li kollox isir fil-parametri li taghti l-ligi u bil-permessi kollha li hemm bzonn mil-entitajiiet governattivi

18.2.3 Is-Sindku Olaf Mckay informa li fl-ufficini tal-Kunsill Lokali ser jibda jsir it-tigdid tal-Karta tal-Identita dan wara li rcivejna korrispondenza mill-AKL Cir AKL 2025/052.

18.2.4 Is-Sindku Olaf Mckay fakkar dwar il-laqgha generali annwali tar-Regjun Port li ser issir nhar is-27 ta' Settembru, gewwa Rahal Gdid fid-9:30 ta' filghodu.

18.2.5 Is-Sindku Olaf Mckay Informa li nhar id-9 ta' Novembru ser issir programm 'Bongu Malta'. Dan ser issir quddiem il-Qorti. Is-Sindku talab biex il-Kunsill kollu jaghti l-ghajnuna biex jinstabu n-nies biex jippartecipaw ghal dan in-nofstanhar.

18.2.6 Is-Sindku Olaf Mckay informa li nhar it-18 ta' Settembru sal-21 ta' Settembru ser ikun qed izur il-Grecja fuq stedina taghhom.

18.2.7 Is-Sindku Olaf Mckay informa li ser tkun qed issir call bejn ic-Centru tal-Active Ageing tal-kunsill Lokali tal Belt Valletta ma dak ta' Portsmouth biex jiddiskutu grajjiet tal-passat.

## 18.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tall-Kunsillieri

18.3.1 Il-Minority Leader Ylenia Montfort infurmat li tixtieq iktar informazzjoni dwar l-event tal-Agenzija Sapport, tixtieq li tara il-Quotations li bghatu lil kunsill l-Agenzjia Sapport li jammontaw ghal 5,000 euro. Hija tixtieq ukoll lista tal-ispejjez li ha johrog il-Kunsill u l-korrispondenza relatata ma' l-attivita'.

Il-Kunsillier Raymond Azzopardi ukoll tkellem dwar il-bzonn li l-kunsillieri ghandhom jircievu lista tal-ispejjez li se jinhargu mill-budget tal-Kunsill Lokali.

18.3.2 Il-Vici Sindku Alfred Zammit talab biex jara l-file tal-ispejjez tal-public convenience ta' Hastings.

## 18.4 Rapporti / Mozzjoni

18.4.1 Il-Minority Leader Ylenia Montfort prezentat mozzjoni bit-titlu *'Bord ghall-assesjar ta' Permessi Temporanji tal-Parkeggi fil-Belt Valletta'*

Waqt il-laqgha saret diskussjoni fejn il-kunsilliera kollha qablu li din il-mozzjoni ghandha tigi re-worded ghal-laqgha li jmiss.

## 18.5 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

18.5.1 Il-Minority Leader Ylenia Montfort infurmat li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv tkelmu ma' Jes Sciberras, biex jibda joffri sezzjonijiet ta' 'keep fit' hafif fi granet meta s-sala tal-Kunsill tkun available. Ic-charge ser ikun dak ta' mitt euro kull sezzjoni. Min jattendi ser ikun qed ihallas charge ghal committement. Il-kunsill qabel dwar dan.

18.5.2 Il- Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li ghandha timtela l-applikazzjoni ghal-*istreet naming commitee* biex jinbidel l-isem ta' Peacock Garden ghal Gnien Il-Mandragg. Huwa kien issekondat mis-Sindku Olaf Mckay. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

18.5.3 Il-kunsillier Raymond Azzopardi nforma li ghandu talba minghand ir-residenti taz-zona ta' wara l-mediterran, biex issir camera tas-sigurta minhabba l-ammont ta' truckijiet li qedin jithlu u qedin ihallu hsarat fil-vetturi tar-residenti. Il-kunsill qabel dwar dan.

18.5.4 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li wara li kellu laqgha mal-persuna li qed tiehu hsieb il-latrini, huwa talbu biex jibghatlu kopja tal-kuntratt li ghandu dan wara li qed jinsinwa li l-kuntratt tieghu ghadu ma skadiex. Il-kunsill qabel li l-avukat tal-kunsill ghandu jibghat ittra biex jiklarifika u jiehu lura fidejh dawn il-latrini

18.5.5 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li nhar it-Tnejn li gej ser ikun hemm l-ahhar laqgha tan-Notte Bianca u ghalhekk wara l-laqgha ser tibghat ir-road closures bhal kull sena li jkun hemm f'din il-gurnata.

18.5.6 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li kellha laqgha mat-Transport Malta
Infurmat li qed issir ezercizzju fuq il-parkeggi tal-banka tal-Lottu li hawn madwar il-Belt kollha
Infurmat li l-karozzi y-plate mhux se jinhargilhom permess tar-residenti.

18.5.7 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li attendiet ghat-*traffic management commitee* fejn gie diskuss tower crane li ser jitpogga fi triq l-arcisqof ghal lukanda li ser issir fil-kantuniera ma' triq l-Ifran.

18.5.8 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li fi traffic management commitee gie diskuss il-film tal-*Latina Pictures* li ser jingibed f'diversi partijiet fil-Belt bejn it-12 u is-16 ta' Ottubru.

18.5.9 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li qeghda tikollabora mal-Public Works peress li bhalissa qed issir l-evaluation.

## 18.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

## 18.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

## 18.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

18.8.1 Awwissu 2025

Il-Kunsill aġġorna għal- ta' 14 ta' Ottubru 2025 17.00hrs

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Olaf McKay<br>Sindku | Gabriella Agius<br>Segretarju Eżekuttiv |